Dr. Ryan C. Pace LL.B., LL.D.

A D V O C A T E

ryan_pace@hotmail.co.uk



16 ta' Ottubru, 2026

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi
info.pcrb@gov.mt

RE: FMA 14/2026/8 (Re-issue) – Provision of Stage and Canopy at Pjazza San Ġorġ – Notte Bianca 2026

Nikteb għan-nom tal-Aġenzija Festivals Malta bi tweġiba għall-oġġezzjoni nterposta mis-soċjetà RVC Logistics Ltd (C-115487) nhar il-5 ta' Ottubru 2026[1] in konnessjoni mas-sejħa hawn fuq ċitata.

Illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija esponenti datata 25 ta' Settembru 2026, u li dwarha RVC Logistics Ltd ressqet l-oġġezzjoni tagħha, hi ġusta u għalhekk timmerita konferma.

Illi l-oġġezzjoni ta' RVC Logistics Ltd għandha tiġi miċħuda.

<u>Osservazzjonijiet Ġenerali dwar l-oġġezzjoni nnifisha</u>

Jidher li l-appellanti nqdiet bir-rimedju li tagħtiha l-liġi li tinterponi din l-oġġezzjoni mhux daqstant għax taf b'mod ċar u sewwa fejn trid tasal biha imma aktar biex ikollha *forum* fejn testerna l-frustrazzjonijiet tagħha fil-konfront tal-esponenti. Bid-dovut rispett, tħares minn fejn tħares lejha, l-oġġezzjoni mhi xejn għajr ġeġwiġija ta' argumenti li meta tagħsarhom, xorta tibqa' ma tifhimx x'qed tfittex li tikseb l-appellanti.

It-talbiet kif promossi – lil hinn mill-fatt li dwar uħud minnhom dan il-Bord Reviżorju l-anqas biss jista' jippronunzja ruħu għax mhumiex marbuta mas-sejħa għall-offerti fuq ċitata (li magħha hija ċirkoskritta s-setgħa ta' reviżjoni ta' dan il-Bord) – ma għandhom assolutament l-ebda utilità. L-oġġezzjoni kollha kemm hi fil-fatt ma għandha l-ebda utilità. Biżżejjed jingħad, fl-aktar element bażiku, illi din ġiet intavolata **<u>jumejn wara li spiċċa</u>** l-avveniment li miegħu kienet marbuta s-sejħa.

Jekk l-appellanti deherilha li kellha tfittex xi rimedju għall-allegati lanjanzi tagħha – xi ħaġa li l-Aġenzija esponenti kategorikament tiċħad u tikkontesta – żgur li r-rimedju ma kienx taħt ir-Regolament 270 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

[1] Notifikata lill-Aġenzija Festivals Malta *tramite e-mail* datata 6 ta' Ottubru 2026.

Dwar jekk kellhiex tiġi kanċellata s-sejħa

Fil-fehma tal-Aġenzija esponenti, dak li għandu jiġi mistħarreġ l-ewwel u qabel kollox huwa jekk imxietx korrettement Festivals Malta meta, rinfaċċjata bl-offerti tal-appellanti u ta' operatur ekonomiku ieħor, għażlet li tipproċedi bil-kanċellament tas-sejħa. Dak li jrid jiġi determinat mhuwiex jekk l-Aġenzija setgħetx tikkanċella (għax dik kienet u għadha prerogattiva tagħha) imma jekk kellhiex tikkanċella, jew aħjar jekk użatx il-prerogattiva tagħha b'mod korrett. Issa biex wieħed jiddetermina jekk l-Aġenzija mxietx sew, *o meno*, żgur ma jistax jiġi traskurat il-fatt illi l-istima ta' din is-sejħa kienet tammonta għal €9,500 (VAT eskluża).

Huwa minnu li din l-istima *"shall be the guidance of prospective bidders when submitting their offer and is not to be considered as a binding capping price"*, daqs kemm huwa minnu wkoll li m'għandhiex titqies restrittiva u finali u li kull offerent interessat huwa liberu *"to submit financial offers above or below the Estimated Procurement Value."* Biss allaħares niġu fl-assurdità li qed tippromwovi l-appellanti illi operatur ekonomiku, biss għaliex ma għandu ebda rabta mal-istima, jista' jitfa' l-ewwel ammont li jiġih f'moħħu bil-pretiża li jkun xi jkun il-prezz, jekk irħas minn oħrajn, mela allura jfisser li l-kuntratt pubbliku għandu jsir tiegħu bi dritt.

Is-soċjetà appellanti, fl-appell tagħha, tieħu kull opportunità mmaġinabbli biex tfisser illi l-offerta tagħha għal din is-sejħa kienet €6,790 irħas minn dik tal-kompetitur tagħha. Saħansitra tieħu l-briga tittraduċi din l-avarija f'persentaġġ (perċentwal approssimattiv ta' 36%). Dak, però, mhuwiex il-kejl li kellu jintuża. L-appellanti, li bilkemm ma tridx tagħti l-impressjoni lil dan il-Bord ta' Reviżjoni li kienet ser tagħmel xi pjaċir lill-Aġenzija li kieku ntalbet tipprovdi s-servizz mitlub, tefgħet offerta **<u>d-doppju</u>** tal-istima.

Issa l-appellanti, b'mod mill-aktar simplicistiku targumenta illi *"[i]n a procedure in which price is the sole award criterion and the cheapest offer is compliant, **<u>the regular outcome of the procedure is an award to that offer.</u>**"* Skont l-appellanti, allura, l-Aġenzija esponenti naqsitha (sa tazzarda tinsinwa li lagħbitha) meta ma pproċedietx bl-għotja tal-kuntratt favuriha. B'dispjaċir jingħad, iżda, illi din it-tip ta' linja difensjonali mhux biss hija sintomatika ta' attitudni (li qegħda ssir bil-wisq prevalenti) li nistħajlu li l-fondi pubbliċi huma xi bir bla qiegħ imma, agħar minn hekk, turi nuqqas ta' apprezzament (jekk mhux addirittura nuqqas t'għarfien) ta' dak li jridu u jgħidu r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Fil-fatt, Regolament 2 jagħti tifsira lit-terminu *"offerti inaċċettabbli"* u skont il-leġiżlatur, din tfisser:

> *offerti sottomessi minn offerenti li ma għandhomx il-kwalifiki meħtieġa, **<u>u offerti li l-prezz tagħhom jeċċedi l-baġit tal-awtorità kontraenti kif determinat qabel il-ħruġ tal-proċedura ta' akkwist</u>**;*

B'hekk, isegwi illi l-offerta kif sottomessa mill-appellanti, li kienet tammonta għad-doppju tal-istima, kienet taqa' perfettament fil-parametri ta' dak li l-leġiżlatur iqis bħala offerta inaċċettabbli. Ma jservi ta' ebda difiża l-argument tal-appellanti, jew aħjar il-preżunzjoni tagħha, illi ladarba l-offerti sottomessi kienu t-tnejn ogħla sew mill-istima li fasslet l-Aġenzija esponenti, mela allura dan ifisser illi din l-istima *"did not reflect the market price for the services specified in the Terms of Reference."* Jekk l-appellanti tassew deherilha li l-istima li tat l-esponenti ma kinetx riflessjoni fidila tas-suq, mela kien imissha tieħu l-passi li taħseb għalihom il-liġi biex titlob li tiġi indirizzata dik l-'anomalija'. L-appellanti, għal raġunijiet li taf hi u hi biss, għażlet li ma tirrikorrix għar-rimedji li taħseb għalihom il-liġi f'dan ir-rigward u allura, skont skorta sħiħa ta' ġurisprudenza, ladarba ma ħaditx azzjoni, ġiet li bl-offerta tagħha aċċettat u ssottoskriviet lilha nnifisha għat-termini u l-kundizzjonijiet tas-sejħa, inkluż fost dawn l-istima tal-Aġenzija.

Għaldaqstant, fil-fehma tal-Aġenzija esponenti, tenut kont li ż-żewġ offerti sottomessi kienu offerti inaċċettabbli skont id-definizzjoni li tagħti l-liġi, id-deċiżjoni li tiġi kanċellata s-sejħa kienet waħda korretta.

Dwar in-notifika tal-kanċellament

Hawnhekk l-appellanti targumenta illi n-notifika tal-kanċellament ma kinetx tinkludi r-raġuni speċifika għala din is-sejħa għall-offerti ġiet kanċellata. L-appellanti hawnhekk għandha raġun u l-Aġenzija ma tistax ħlief tirrikonoxxi illi iva, bi żvista amministrattiva, n-notifika ħarġet mingħajr ir-raġuni li titlob il-liġi. Biss kif sew irrimarka dan il-Bord ta' Reviżjoni fil-każ numru 2101, għalkemm l-esponenti tirrikonoxxi li, anke jekk żball l-aktar ġenwin, ma messha qatt aljenat tniżżel ir-raġuni tagħha, l-appellanti żgur ma tistax tgħid li b'xi mod ġiet żgwidata u/jew preġudikata b'din l-iżvista amministrattiva. L-argumenti li kellha tagħmel, għamlithom.

Dwar l-allegazzjoni azzardata li ġie aġevolat operatur ekonomiku ieħor

L-avveniment ta' Notte Bianca llum sab postu sew fil-kalendarju kulturali ta' pajjiżna u jservi ta' pjattaforma għal firxa wiesgħa ta' nies, mhux l-anqas *service providers* li jkollhom opportunità joffru s-servizzi tagħhom. Dak li qiegħda tallega l-appellanti mhu xejn għajr konġettura u l-esponenti tiċħad b'mod l-aktar assolut u kategoriku: i) l-allegazzjoni illi hi aġixxiet b'mod improprju sabiex taġevola kuntrattur terz; u ii) li ħallset l-ammonti li qed tallega l-appellanti lill-kuntrattur it-terz.

L-Aġenzija esponenti mhix beħsiebha tidħol f'piki bejn kuntratturi ekonomiċi privati iżda daqstant ieħor mhix beħsiebha tippermetti li tiġi mixlija b'aġir improprju li jmur kontra l-funzjoni tagħha. Xogħol l-Aġenzija jibqa' li tipprovdi prodott kulturali mill-aqwa waqt li tassigura li bħala rappreżentanti tal-Gvern Malti tħaddem prinċipji tajba ta' governanza. L-għan ewlieni tal-Aġenzija jibqa' proprju dak li tkun ta' servizz lejn iċ-ċittadin u mhux li tissodisfa l-għatx tal-kuntratturi privati. Il-bibien tal-Aġenzija

Festivals Malta huma, u dejjem ser jibqgħu, miftuħin għal kull min irid jipprovdilha servizz iżda magħluqin għal min irid jisserva biha u jittenta jumilja lill-ħaddiema fi ħdanha li b'tant dedikazzjoni u mpenn ta' kuljum jirfsu l-għatba tal-uffiċini tagħha biex jagħtu servizz lill-poplu Malti u Għawdxi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, l-oġġezzjoni tas-soċjetà RVC Logistics Ltd għandha tiġi miċħuda u d-deċiżjoni tal-Aġenzija esponenti datata 25 ta' Settembru 2026 konfermata fit-totalità tagħha.

Avukat Ryan C. Pace